**A.L. 251 tal-2014**

## ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

### Regolamenti tal-2014 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għall-Istaġun tal-Insib fil-Ħarifa tal-2014 għall-Malvizz u l-Pluviera)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u skont id-disposizzjonijiet tar-regolament 10(6)(t) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u tar-regolamenti 4 u 7 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera), il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2014 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għall-Istaġun tal-Insib fil-Ħarifa tal-2014 għall-Malvizz u l-Pluviera). Titolu

**2.** Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsir bħal dak mogħti fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi" u fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera). Tifsir. L.S. 504.71 L.S. 504.113

**3.** Għall-finijiet li jiġi stabbilit l-istaġun tal-insib fil-Ħarifa taħt ir-regolament 10(6)(t)(i), (ii) u (iii) tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi, u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-perjodu għall-insib tal-Malvizz u l-Pluviera għas-sena 2014, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-istaġun għall-insib fil-Ħarifa", għandu jkun fid-dati li ġejjin: Jiġi stabbilit l-istaġun.

(a) l-insib għall-Malvizz għandu jsir bejn l-20 ta' Ottubru 2014 u l-31 ta' Diċembru 2014, iż-żewġ dati inklużi;

(b) l-insib għall-Pluviera għandu jsir bejn l-20 ta' Ottubru 2014 u l-31 ta' Diċembru 2014, iż-żewġ dati inklużi.

**4.** Għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-istaġun tal-insib fil-Ħarifa għandu jkun skont id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti L-Insib skont qafas stabbilit. L.S. 504.113

dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera).

Kwoti.

**5.** (1) Il-liċenza għall-insib fil-Ħarifa, li għandha tinħareġ mal-ħlas ta' dritt nominali ta' ħamsa u ħamsin euro (€55), għandha tistabbilixxi l-kwota komplessiva staġjonali għall-istaġun tal-insib fil-Ħarifa ta' 5,000 għall-Malvizz u ta' 700 għall-Pluviera bħala l-għadd totali ta' għasafar li jistgħu jinqabdu permezz tal-insib taħt l-awtorità tal-liċenzi kollha maħruġa meħudin flimkien.

(2) Il-liċenza għall-insib fil-Ħarifa għandha tistabbilixxi l-kwota għall-istaġun tal-insib fil-Ħarifa għal total ta' sitt (6) għasafar għal kull persuna liċenzjata jew dak l-għadd ta' għasafar taħt l-imsemmija numru li jistgħu jkunu ġew maqbuda qabel ma jkun għalaq l-istaġun.

**L.N. 251 of 2014**

## ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 504)

## Conservation of Wild Birds (Declaration on a Derogation for a 2014 Autumn live-capturing season for Song Thrush and Golden Plover) Regulations, 2014

BY VIRTUE of the powers conferred by article 61 of the Environment and Development Planning Act, and in terms of the provisions of regulation 10(6)(t) of the Conservation of Wild Birds Regulations, and of regulations 4 and 7 of the Conservation of Wild Birds (Framework for Allowing a Derogation Opening an Autumn Live-Capturing Season for Song Thrush and Golden Plover) Regulations, the Minister for Sustainable Development, the Environment and Climate Change has made the following regulations:-

Citation.

**1.** The title of these regulations is the Conservation of Wild Birds (Declaration on a Derogation for a 2014 Autumn live-capturing season for Song Thrush and Golden Plover) Regulations, 2014.

Interpretation.

S.L. 504.71

S.L. 504.113

**2.** Terms and expressions used in these regulations, unless the context otherwise requires, shall have the same meaning as given to them in the Conservation of Wild Birds Regulations, hereinafter referred to as the "the Wild Birds Regulations", and in the Conservation of Wild Birds (Framework for Allowing a Derogation Opening an Autumn Live-Capturing Season for Song Thrush and Golden Plover) Regulations.

Establishing of periods.

**3.** For the purposes of establishing the period for the live-capturing of wild birds under regulation 10(6)(i), (ii) and (iii) of the Wild Birds Regulations, and for the purpose of these regulations, the period for the live-capturing of Song Thrush and Golden Plover for the year 2014, hereinafter referred to as "the Autumn live-capturing season", shall be on the following dates:

(a) live-capturing of Song Thrush between the 20th October 2014 and the 31st December 2014, both dates included;

(b) live-capturing of Golden Plover between the 20th October 2014 and the 31st December 2014, both dates included.

Live-Capturing according to set framework.
S.L. 504.113

**4.** For the purposes of these regulations, the Autumn live-capturing season shall be in accordance with the provisions of the Conservation of Wild Birds (Framework for Allowing a Derogation Opening an Autumn Live-Capturing Season for Song Thrush and Golden Plover) Regulations.

Quotas.

**5.** (1) The Autumn live-Capturing licence, which shall be issued upon the payment of a nominal fee of fifty-five euro (€55), shall set the overall seasonal bag limit for the Autumn live-capturing season at 5,000 for Song Thrush and 700 for Golden Plover as the total number of birds which may be captured under the authority of all issued licences taken together.

(2) The Autumn live-capturing licence shall set the live-capturing season's bag limit to six (6) birds for each Autumn live-capturing licence or however many below this number might have been captured before the season is closed.